# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 185/2014

## tas-26 ta' Frar 2014

## li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Bulgara tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE fir-rigward ta' ċerti kampjuni u oġġetti li huma eżentati mill-verifiki veterinarji fil-fruntiera skont dik id-Direttiva

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) ([1]), u partikolarment l-Artikoli 5(2) u 6(1)(b)(ii) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2), l-Artikolu 11(2)(b) u (c) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2), l-Artikolu 15(1)(b), (d), (e), (h) u (i) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1), l-Artikoli 17(2) u 18(3), l-Artikolu 19(4)(a), (b) u (c) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(4), l-Artikolu 20(10) u (11), l-Artikolu 21(5) u (6) u l-Artikoli 22(3) u 23(3), l-Artikolu 27(a), (b), (c) u (e) sa (h) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27, l-Artikoli 31(2), 32(3), l-Artikolu 40, l-ewwel u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 41(3), l-Artikolu 42, l-Artikoli 43(3), 45(4), 47(2), l-Artikolu 48(2), l-Artikolu 48(7)(a) u (8)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48(8) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Hemm żball fil-verżjoni bil-lingwa Bulgara tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([3]) li għandu jiġi kkoreġut. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu jiġi kkoreġut skont dan.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Jikkonċerna biss il-verżjoni bil-lingwa Bulgara.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([2]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

([3]) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.